OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru CEDUC-22-2982**

3 ta' Awwissu 2023

L-Onorevoli Dott Angelo Farrugia
Speaker
Kamra tar-Rappreżentanti
Parlament ta' Malta
Pjazza Ħelsien
Il-Belt Valletta

Onorevoli Speaker

Fit-termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qegħdin bil-preżenti naġġornaw lill-Kamra tad-Deputati dwar żvilippi fil-każ tas-Sinjuri [omissis].

Dan il-każ kien ġie komunikat lilek fil-11 ta' April 2023 flimkien mal-Opinjoni Finali tal-2 ta' Frar 2023 u l-ittra lill-Prim Ministru tat-28 ta' Marzu 2022.

B'ittra datata 2 ta' Ġunju 2023 is-Segretarju Permanenti Ewlieni informa lil dan l-Uffiċċju li l-Amministrazzjoni ma kinitx ser timplimenta r-rakkomandazzjonijiet magħmula. Dan l-Uffiċċju wieġeb għal din l-ittra llum. Kopja tal-korrispondenza qiegħda tiġi hawn annessa.

Dan l-aġġornament qed nibgħatuhulek biex jinġieb, flimkien mal-korrispondenza annessa, għall-attenzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar ix-xogħol tal-Kamra u biex jitpoġġa fuq il-mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati, u b'hekk ikun jifforma parti integrali mill-korrispondenza preċedenti.

Insellu għalik

Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Vincent A Degaetano
Kummissarju għall-Edukazzjoni

Dokumenti Annessi:
Ittra tas-Segretarju Permanenti Ewlieni – 2 ta' Ġunju 2023
Risposta tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni – 3 ta' Awwissu 2023

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Email: office@ombudsman.org.mt
www.ombudsman.org.mt